MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 689/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**KONTRA**

**ANTIONE GRAVINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Antione Gravina ta’ 26 sena, bin John u Maria Dolores nee’ Cachia, mwieled Pieta’ nhar id- 29 ta’ Mejju 1983, residenti fil- fond Nru. 4, Triq Bir Langasa, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 292683(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fir- Rabat, limiti ta’ Ta’ Qali, nhar il- 15 ta’ Lulju 2009, fil- vicinanzi ta’ Sqaq il- Garri, kkommetta serq ta’ vettura tal- ghamla Toyota Hiace bin- numru tar-registrazzjoni JCG001, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bil- lok, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- valur li jeccedi s- somma ta’ €2329.37 (elf lira Maltin) u li sar ghad- dannu ta’ John Gauci;

2) Kif ukoll talli kiser il- provedimenti tal- Kaptiolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D nhar it- 18 ta’ Frar 2008;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tan-nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.
Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tittratta mieghu sommarjament ghal dan ir-reat, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(c), (g), (e), 267, 269 (c), 271(g), 279(b), 280 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, 18 u 21 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlittax (13)- il xahar prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------